Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 275/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Francis Barbara

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Francis Barbara detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 366159M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sporpriza li sehhet fit-2 ta' Frar, 2014 fil-Country Style – Triq San Edwardu, Birzebbugia – jew hu jew impjegati tieghu jew pesuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, xjentement irrilaxxja ricevuta/i fiskali mhux korretta/i u/jew qarrieqa f'xi rigward materjali ghal-bejgh ta' provvista/i skond il-kumpens lilu mhallas u dan billi indika dik il-provvista/i bhala ezenti minflok taxxabbli, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(f) u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 51 u 77(f) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' seba mitt Ewro (€700).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis Barbara, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u li taghhom instab hati u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Francis Barbara huma s-segwenti w cioe':-

Illi qedin fl-isfera tal-Kriminal u l-ligi hija carissima li jrid jigi ippruvat li l-imputat xjentement irrilaxxa ricevuta fiskali mhux korretta.

Illi johrog carissimu li l-esponenti ma kellu l-ebda idea tal-fatt li l-pastizzi kienu zero rated, u ma hemm l-ebda prova kontrarju u l-anqas gie b'xi mod jew iehor pruvat li setgha kellu xi konoxxenza.

Illi gie ppruvat ukoll dak presispost fl-Artikolu 82(1) tal-Kapitolu 406 li *ma kienx jaf u ma setghax b'diligenza ragonevoli jsir jaf* bl-irregolarita' jekk tezisti fuq iz-zero rated entry tal-kompluter dwar il-pastizzi.

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubju f' dan il-kaz illi l-persuni irregistrati ai fini ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghar-restaurant take-away bl-isem Country Style gewwa B'Bugia huma l-appellanti u Karmenu Barbara ko-akkuzat ukoll mieghu izda f'proceduri separati. Dan mhux kontestat. Jirrizulta mix-xhieda ta'l-appellanti illi ghalkemm jidher illi huwa accetta r-responabbilta ai fini tal-gbir ta'l-erarju pubbliku u huwa ukoll

wiehed mid-diretturi, madanakollu *ex admissis* ighid illi ihalli it-tmexxija tal-post f'idejn huh Karmenu Barbara. Dan jixhdu kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti fejn anke ighid illi huwa ma jaf xejn dwar kif tithaddem is-sistema tal-*cash register* u kwindi jekk oggett jigix imputat fiha bhala ezenti jew taxxabbli.

L-impunjattiva imressqa mill-appellanti ghad-decizjoni appellata allura hija essenzjalment illi fil-kaz tieghu kellu japplika l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 82 tal-Kap. 406. Dana s-subartikolu jipprovdi hekk:

*Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettieq ta' l-impieg tieghu, jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk dik il-persuna l-ohra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innfisha kif ukoll mill-principal taghhom jew persuna registrata:* ***izda dak i-lprincipal jew persuna registrata ma jkunx hati ta' reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf b'dak lghemil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas*. (enfazi tal-Qorti).

Huwa fatt inkontestat illi l-appellanti ma jippartceipax b'mod attiv fil-gestjoni tan-negozju izda ukoll illi lanqas jiehu interess minimu f'dak li isehh u lanqas jaf xejn dwar dan il-kaz partikolari fejn huwa gie imsejjah biex iwiegeb ghal kummissjoni ta' reat minn fejn jirrizulta illi l-pastizzi li kienu qed jinbieghu mill-hanut Country Style kienu registrati fuq il-*cash register* bhala *exempt* minflok taxxabbli. Dan ghaliex l-appellanti ihalli kollox f'idejn huh. Madanakollu huwa jidher bhala persuna irregistrata ai fini ta' taxxa fuq il-valur mizjud. Gustament allura l-Ewwel Qorti dehrilha illi l-appellanti kellu juza diligenza akbar fil-gestjoni tan-negozju tieghu u mhux ihalli f'idejn haddiehor minghajr ebda kont ta' dak li kien qed jigri fl-assenza tieghu. Dan certament jirrifletti nuqqas ta' kont u diligenza li trid il-ligi, ghaliex fid-dmir tieghu illi juri il-minimu ta' interess gjaldarba offra ruhu li jidhol responsabbli ghal gbir tat-taxxa pubblika.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Emmanuel Scerri" [30.3.2000] "*meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir ...minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata,, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata . Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja JEKK TIPPROVA , IMQAR FUQ BAZI TA' PROBABILTA' (emfasi ta' din il-Qorti) jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas"* . Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga . Izda ma hux bizzejjed biex wiehed jezimi ruhhu mir-responsabbilta` vikarja taht l-Artikolu 82(2) li semplicement jghid li hu kien ihalli t-tmexxija tal-post f'idejn huh. (Il-pulizija vs Vincent Mifsud; App. Krim- deciza 06/06/2003).

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali u fattwali l-Qorti tsitqarr illi ma tinsabx konvinta illi l-appellanti irnexxielu jilhaq il-grad ta' prova rikjesta minnu. Dan ghaliex huwa ippruvat anke *ex admissis* illi ma kien jaghmel l-ebda verifika dwar dak li kien ikun qed isehh fl-assenza tieghu, li tidher li kienet in-norma. Certament allura illi l-appellanti ma irnexxielux jipprova illi huwa bhala persuna irregistrata ai finijiet tat-taxxa fuq il-valur mizjud, ezegwixxa b'diligenza l-oneri kollha fiskali imposti fuqu bil-ligi tant illi ghalhekk jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta vikarja li l-ligi tixhet fuq spallejh f'dan il-kaz fejn in-nuqqas ikun gie kommess minn terza persuna.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur